**551. Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, jipproponi:**

Illi, billi huwa provdut, fl-Artikolu 13 tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u speċifikament bis-subartikolu (4) tal-istess Artikolu 13 li l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern Ċentrali pendenti miżmum separatament fil-forma ta' *Bills* tat-Teżor huwa soġġett għal strument statutorju li jrid jiġi intavolat fil-Parlament u jiġi approvat b'Riżoluzzjoni Parlamentari;

Illi fit-30 ta' Marzu tas-sena Elfejn u Ghoxrin (2020) permezz tal-Mozzjoni numru 328 kien ġie riżolut li l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern Ċentrali pendenti miżmum fil-forma ta' Bills tat-Teżor tal-Gvern ta' Malta ma jkunx aktar minn €1,000,000,000 (Biljun Euro);

Illi issa għalhekk qed jiġi b'dan riżolut, li għall-ħtiġijiet ta' *cash management* tal-Gvern, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol jiġi awtorizzat li jkompli jżid l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern Centrali miżmum fil-forma ta' *Bills* tat-Teżor minn €1,000,000,000 (Biljun Euro) għal ammont ta' mhux aktar minn €1,300,000,000 (Biljun u Tliet Mitt Miljun Euro).

15 ta' Ġunju 2021